## Attivitajiet għax-xahar ta' Marzu

**Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu**: 8.30 p.m. Project House, Floriana. Illum il-Grupp Teatrali, Community Theatre, se jtellagħlna play li jisimha "Falling Petals" li tittratta dwar l-immigrazzjoni irregolari. Wara jkollna diskussjoni fuq is-suġġett.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Marzu:** 8.30 p.m. Project House, Floriana. Illum se niċċelebraw il-birthdays ta' dawk kollha li jagħlqu sninhom f'Marzu. Peress li l-aħħar ġimgħa tax-xahar taħbat il-festa tad-duluri u jkollna quddiesa l-airport se nagħmlu l-Birthday Celebrations f'nofs ix-xahar. Bħas-soltu nagħmlu l-party ġo Project House. Prezz €7 xorb u ikel; xorb biss €2.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu**: 8.30 p.m. Project House, Floriana. Illum se jsir il-famuż AGM jew Annual General Meeting fejn se jinqraw ir-rapport tal-attivitajiet u r-rapport finanzjarju u ssir l-elezzjoni għall-kunsill il-ġdid. Nispera li nuru nteress li l-grupp ikompli miexi u nattendu.

**Il-Ħadd 22 ta' Marzu**: Illum se nagħmlu l-irtir tar-Randan ma' Fr.Saviour. Dettalji aktar tard.

**Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu**: Illum hija l-festa tad-duluri u għalhekk bħal ma nagħmlu kull sena se niċċelebraw quddiesa fil-kappella tal-airport ma Fr. Saviour. Il-quddiesa tibda fit-tmienja ta' filgħaxija. Niltaqgħu barra l-kappella tal-airport fit-tmienja nieqes kwart.

**Chairperson: Maria Borg** **Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda** **Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**




**Volum 18, Harga 3** **Marzu 2015**

Għeżież ħbieb,

Wasalna fix-xahar ta' Marzu u miegħu jasal l-AGM. F'dan l-Annual General Meeting bħal ma tafu, jinqraw ir-rapporti tal-attivitajiet li saru l-aħħar sena u r-rapport finanzjarju. Barra minn hekk terġa' ssir l-elezzjoni għall-kumitat il-ġdid. Peress li hemm xi membri li mhux se jerġgħu joħorġu għall-kumitat, nixtieq nagħmel appell biex min jixtieq joħroġ għall-kumitat. Min jixtieq joħroġ għall-elezzjoni jista' jinforma lili jew lil Marie-Louise Suda. Jekk jogħġobkom għidulna mill-aktar fis għaliex irridu nippreparaw għall-elezzjoni. Nixtiequ naraw ko-operazzjoni u xi nies ġodda fil-kumitat il-ġdid. Toqogħdux tistħu jew taħsbuha – oħorġu għall-elezzjoni.

Nixtiequ nfakkrukom li min beħsiebu jibqa' membru u jixtieq iġedded is-sħubija fil-grupp għandu jagħmel hekk mill-aktar fis. Aħna se nagħtu ċans biss sa ġimgħa oħra għal min jixtieq jirregolarizza ruħhu. Dawk li ma jħallsux il-membership se jinqatgħu mil-lista tal-membri u ma nibagħtulux aktar in-newsletter. Min ma jħallasx il-miżata ma jistax jivvota fl-AGM u l-anqas ma jistgħu il-guests. Għalhekk nixtieq nagħmilha ċara li min ma jħallasx il-miżata ma jistax jibqa' membru u lanqas jivvota fl-elezzjoni. Nirrepeti wkoll li min hu guest ma jkunx jista' jivvota biex imbagħad ma jinqalgħux misunderstandings.

Dan ix-xahar huwa żmien ir-Randan u għalhekk se nagħmlu l-irtir ta' kull sena. Nispera li tattendu.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat tax-xogħol siewi li dejjem jagħmlu u ta' kemm sagrifiċċji jagħmlu għall-grupp. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li jgħinu fl-attivitajiet.

Grazzi minn qalbi!

Dejjem tagħkom,
*Maria*

*Spring*

*The Spring has come again*

*For the grass is growing green,*

*And among the fields of clover*

*Bright butterflies are seen.*

*The little birds are singing sweetly*

*As they fly from tree to tree*

*The busy bees are gathering*

*The honey from the flowers,*

*And the merry birds are building*

*Their nests in sheltered bowers…*

*Josephine D.C. (1887)*




## Mawra sa Sqallija

Fis-26 t'April konna qed nippjanaw mawra ta' ġurnata għal Sqallija bħal ma nagħmlu kull sena. Mhux se nħallu għall-ewwel ta' Mejju biex ma jkunx hemm ħafna traffic u ġenn bħas-sena l-oħra. Il-Programm huwa mqassam hekk:

| | |
|---|---|
| 6.30 a.m. | Departure Malta |
| 8.15 a.m. | Arrival Pozzallo |
| 9.00 a.m. | Departure Marzamemi |
| 10.00 a.m. | Arrival Marzamemi (Tonnara/Campisi/Wine Tasting) |
| 12.00 p.m. | Departure Fattoria del Cavaliere |
| 13.00 p.m. | Lunch |
| 15.00 p.m. | Departure to Noto |
| 15.45 p.m. | Arrival Noto |
| 17.45 p.m. | Departure Noto |
| 18.30 p.m. | Arrival Pozzallo Port |
| 19.30 p.m. | Departure from Sicily |

**Prezz:**
**Kbar** - €149, inkluż lunch bl-antipasto, first, second course, deżerta, inbid, ilma u kaffe'. **Tfal** - €120
Jeħtieġ nieħdu ideja malajar jekk hemmx interess f'din il-mawra jew le biex nibdew nieħdu l-bookings.